# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 464/02 GV**

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Adolph u Joanne konjugi Baldacchino**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' Lm4,836.67,0 kwantu ghal Lm4,693.67,0 kapital u kwantu ghal Lm143 imghax ta' 8% fis-sena mill-10 ta' Awissu 2001 sal-31 ta' Marzu 2002 minnhom dovuta fuq *overdraft account* numru 050-033869-340; kif ukoll l-ammont ta' Lm352.18,0 kwantu ghal Lm338.10,0 kapital u kwantu ghal Lm14.08,0 imghax ta' 8% fis-sena mit-22 ta' Settembru 1991 sal-31 ta' Marzu 2002 minnhom dovut fuq kont kurrenti numru 050-033869 kif jidher mill-*istatements* annessi markati Dokument A u Dokument B, b'kollox hamest elef, mija u tmienja u tmenin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,188.85,0).

Premess illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante ittra ufficjali ta' l-1 ta' Novembru 2001 Dokument D anness.

Premess illi l-kreditu hu cert likwidu u dovut u, fil-fehma tal-Bank attur, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici albet lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-Bank attur is-somma fuq imsemmija ta' hamest elef, mija u tmienja u tmenin lira maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,188.85,0) minnhom dovut kif intqal fuq *overdraft account* u fuq kont kurrenti; u dana bid-dispensa ta' smiegh, in vista ta' l-affidavit Dokument C anness fit-termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Novembru 2001, tal-mandat ta' inibizjoni prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mit-13 ta' Marzu 2002.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew t-talba kif dedotta fic-citazzjoni ;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddedici billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**